MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1642/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmelo Agius**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ mitjen u tmienja u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm298.90) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 235117 liema servizz gie stallat fil-fond 3, Triq id-Dejqa, Valletta u dana skond ma kif jidher mis-“service agreement” anness mal-avviz u markat Dok A.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ April 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument a fol 2 tal-atti u markat Dok A.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-22 ta’ Ottubru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm298.90,0 bl-imghaxijiet legali mit-3 ta’ April 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tat-3 ta’ April 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Dep.Reg